**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 157/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Michael Briffa**
**(ID 116598(M))**

**DIGRIET**

**Illum, 17 ta' Mejju 2021**

Il-Qorti,

Rat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat **Michael Briffa**, iben Emmanuel u Inez nee` Sammut, imwieled l-Awstralja nhar id-19 ta' Lulju 1981, residenti Olimpic Court, Flat 10, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Baħar, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 116598(M) qed jiġi akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fl-14 ta' Awissu 2014 u fis-snin ta' qabel:

1) Kellu fil-pussess tiegħu **d-droga kokaina** speċifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu

d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

2) Kellu fil-pussess tiegħu **d-droga kokaina** speċifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-imputat magħmula minnu fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2020, li permezz tagħha talab lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u illi jkun jista' jressaq il-provi sabiex juri illi r-rekwiżiti meħtiega ai termini ta' l-Artikolu 8(2) tal-istess Kap. 537 huma sodisfatti[1];

Rat illi b'digriet tagħha tal-istess jum, il-Qorti laqgħet it-talba tal-imputat sabiex iressaq il-provi msemmija;

Rat ukoll illi fuq talba tad-difiża, ukoll tal-istess jum, il-Qorti ħatret lill-espert Dr. Roberta Holland, Psikologa Forensika, sabiex tirrelata lill-Qorti bil-miktub dwar jekk l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga, inkluż kokaina, f'Awwissu 2014 u fis-snin ta' qabel, kif ukoll dwar jekk sarx progress sostanzjali jew sforz sostanzjali da parti tal-imputat sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga jew

[1] Ara a fol. 53 tal-proċess.

jekk hemmx raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-imputat jista' jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga[2];

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert Dr. Roberta Holland ippreżentata minnha fis-seduta tad-9 ta' Frar 2021[3] u semgħet ix-xhieda tagħha tal-istess jum[4];

Semgħet ukoll ix-xhieda ta'Ashley Cumbo fl-istess seduta[5];

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruħhom għall-provi prodotti.

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex il-Qorti tiddeċiedi dwar it-talba tal-imputat ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat Michael Briffa qiegħed jiġi mixli bir-reati ta' pussess aggravat u pussess għall-użu personali tad-droga kokaina, liema reati huwa allegatament wettaqhom fl-14 ta' Awwissu 2014 u fis-snin ta' qabel, u dan wara li allegatament fil-pussess tiegħu nstabu wieħed u għoxrin pakkett kontenenti d-droga kokaina.

Illi sabiex isostni t-talba tiegħu, l-imputat qed jistrieħ fuq ix-xhieda ta' Ashley Cumbo u fuq ir-relazzjoni tal-espert Dr. Roberta Holland, maħtura kif ingħad minn din il-Qorti fuq talba tal-istess imputat.

Illi dwar l-allegata dipendenza tal-imputat fuq id-droga, l-espert **Dr. Roberta Holland** tikkonferma b'mod konklussiv illi fiż-żmien li fih l-imputat allegatament wettaq ir-reati lilu addebitati, huwa kien tassew dipendenti fuq id-droga kokaina. Tgħid hekk dwar dan fir-relazzjoni dettaljata tagħha:

> "**8. Sintesi u Progress**
>
> B'mod ġenerali, jidher li l-imputat kellu trobbija stabbli b'relazzjonijiet tajbin fi ħdan il-familja. Meta kellu sbatax-il sena, il-familja kienet irritornat lura Malta mill-Awstralja. Għalkemm il-livell ta' stabbilta` fir-relazzjonijiet li kellha [*recte:* kellu] fi ħdanha għenha [*recte*: għenu] sabiex dan l-avveniment ma jkunx ta' xkiel fl-andament tagħha [*recte*: tiegħu], dan fisser li kien hemm bidla sinifikanti fil-ħajja tal-imputat

[2] Ara a fol. 53 u 54 tal-proċeess.
[3] Ara a fol. 64 *et seq* tal-proċess.
[4] Ara a fol. 58 sa 63 tal-proċess.
[5] Ara a fol.88 tal-proċess.

fejn kellu jibda kollox mill-ġdid. L-affarijiet ħadu xejra iżjed negattiva u traġika madwar tlett snin wara, meta l-imputat kellu għoxrin sena, u kien tilef lill-ħuh iż-żgħir b'marda terminali meta dan kellu tlettax-il sena. Dan l-avveniment kien wieħed trawmatiku għal familja kollha, u wieħed li tellef lill-imputat milli jkompli jiffunzjona sew fil-ħajja. Fil-fatt, minn dak iż-żmien, huwa jiddeskrivi perjodu ikrah fejn ma kien baqa' jagħti każ xejn u ma kienx jimpurtah x'jiġri. Kien ta' eta` li fiha kien joħroġ ma' sħabu għad-divertiment u dan f'ambjenti li normalment huma noti għas-sustanzi u l-użu tagħhom. B'nuqqas ta' kapaċita` li jirrisolvi emozzjonijiet diffiċli u nuqqas ta' ħiliet ta' coping fiċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom, kien minn hemm li kien beda jabbuża mis-sustanzi, b'mod partikolari f'ambjenti ta' divertiment li kien jiffrekwenta. Huwa beda jabbuża mill-ecstasy, ġeneralment fi tmiem il-ġimgħa, iżda ma damx ma beda anke jabbuża mil-kokaina. Id-droga kienet tgħinu jkompli bil-ħajja normali tal-eta` li kellu u ma' sħabu, kienet tnessih mid-dwejjaq, u ttih kunfidenza li jkompli ma' ħaddieħor. Maż-żmien, dan l-abbuż ġab miegħu iżjed taqlib fil-ħajja tal-imputat fejn minn użu okkażjonali, huwa baqa' sejjer lejn użu iżjed frekwenti u estensiv.

Eventwalment, dan wassal sabiex huwa, f'temp ta' ftit xhur fetaħ żewġ każijiet kriminali simili. Dan juri żieda kemm fl-użu kif ukoll f'attivita` relatata mat-teħid tad-droga. Madankollu, bir-riżultat li fetaħ dawn iż-żewġ każijiet, wasal f'punt fejn kellu jieħu deċiżjoni rigward liema triq ried li jsegwi fil-ħajja. Bit-trobbija li kellu, huwa kellu bażi tajba ta' valuri, u anke b'rispett lejn il-ġenituri, kienet ovvja għalih li huwa kellu triq waħda biss x'jagħżel, u cioe`, li jieqaf mill-użu tad-droga u minn kull attivita` relatata. Minn hemm beda process ta' bidla u ta' riabilitazzjoni.

Jidher li minn ftit wara l-każ l-hawn l-imputat irnexxilu gradwalment jieqaf mill-użu tas-sustanzi kollha…Mill-istorja li ta, u mir-rakkont dettaljat dwar kif svolġiet ħajtu minn hemm il-quddiem jidher li l-bidla kienet ġenwina u kienet ikkonsolidata fuq tul ta' snin. Jidher li l-istil ta' ħajja li huwa adotta huwa wieħed sodisfaċenti, konvenzjonali, u wieħed konformi mal-liġi."[6]

Għladaqstant, fid-dawl tal-analizi tagħha, l-informazzjoni li provda l-imputat waqt l-intervista klinika, mill-assessjar strutturat u fid-dawl tal-informazzjoni provduta minn sorsi uffiċjali, l-istess espert ikkonkludiet illi l-imputat kien dipendenti fuq l-istimulanti, b'mod partikolari fuq id-droga kokaina u *ecstasy* f'Awwissu tal-2014.

[6] Ara a fol. 78 tal-proċess.

In oltre mill-istess relazzjoni, jirriżulta wkoll illi:

> "Skond id-djanjosi permezz tad-DSM-5, id-diżordni fl-użu kien ta' livell sever bil-klassifikazzjoni finali tkun dik ta' … *Severe Cocaine use Disorder* [304.20] u *Severe Ecstasy Use Disorder* [304.40]. Huwa fil-fatt b'kollox immarka fi tmin kriterji minn ħdax bħala sintomi indikati sabiex issir din id-djanjosi….
>
> Jidher għalhekk li fiż-żmien tar-reat l-imputat kellu stil ta' ħajja fejn l-użu tad-droga kien dominanti, u f'livell ta' dipendenza. Mill-assessjar, ħareġ ukoll b'mod ċar li hemm raġunijiet oġġettivi li l-imputat tejjeb ferm is-sitwazzjoni tiegħu f'dan il-qasam, li għamel progress konsiderevoli, u li għamel passi konkreti sabiex jirriabilita ruħu."[7]

Da parti tiegħu **Ashley Cumbo**, in rappreżentanza tal-Aġenzija Sedqa, u li kien isegwi lill-imputat bħala *social worker* għall-perjodu qasir ħafna fis-sena 2012 u bejn Jannar 2015 u Awwissu 2016, fix-xhieda tiegħu ma jgħid xejn dwar l-użu li l-imputat kien jagħmel mid-droga, iżda biss li huwa għalaq il-każ tiegħu f'Jannar tas-sena 2017 u illi l-attendenza tal-imputat kienet waħda regolari.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Tenut kont tal-konklużjonijiet raġġunti mill-espert Dr. Robert Holland, kif ukoll fid-dawl tal-allegati ċirkostanzi tal-każ u n-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinsab sodisfatta li r-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(a) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jissussistu, u ċioe` illi r-reati li bihom jinsab mixli l-imputat Michael Briffa kienu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga.

In oltre l-Qorti tosserva illi mill-atti jirriżulta illi l-imputat indirizza d-dipendenza tiegħu fuq id-droga li huwa kien jabbuża minnha matul is-snin, inkluż il-kokaina, u għalhekk m'hemmx dubju illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi huwa għamel sforz u progress sostanzjali sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, u dan kif trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(ċ) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti fl-aħħarnett tqis illi ma tirriżulta ebda waħda jew iktar mill-projbizzjonijiet elenkati fl-Artikoli 8 u13 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta għall-applikabilita` tal-Artikolu 8 tal-istess Kapitolu.

**Konklużjoni**

---

[7] Ara a fol. 79u 80 tal-proċess.

Tenut kont ta' dan kollu, f'dan l-istadju l-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u (2) tal-Kap. 537 jissussistu u għaldaqstant qed tilqa' t-talba tad-difiża u qed tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement qegħda tirreferi lill-imputat **Michael Briffa** quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat